MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2015

Talba Numru. 573/2014

**GO plc**
**C22334**

**vs**

**Mervis Francis Cerolyn**
**ID35982-(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija, erbgha u sittin euro, erbatax-il centezmu (€764.14c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40073282 u A/C40074703 moghtija mis-socjeta' attrici skond l-annessi dokumenti mmarkati Dok.'IZY1' u Dok.'IZY2' – prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C40073282 u Dok.'IZY3' u Dok.'IZY4' – prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru

A/C40074703 u Dok.'IZY5' – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok.'IZY6' – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi (i) preliminarjament l-azzjoni hija perenta ghat-tenur ta' l-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili – Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, (ii) minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' attrici ghandha tipprova li l-ammont minnha reklamat u mitlub huwa dovut.

Ha konjizzjoni tad-dokumenti li gewipprezentati mis-socjeta' attrici.

Semgha t-trattazzjoni.

Illi din id-decizjoni tittratta dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' kuntratt datat 25 ta' Lulju 2006, is-socjeta' attrici pprovdiet lill-konvenuta bis-servizz ta' telephone, u dan bin-numru tal-kont 40073282. Illi

mir-rendikont li gie pprezentat mis-socjeta' attrici, u li kopja tieghu tinsab esebita a fol 2 tal-atti, l-ewwel kont inhareg fit-18 ta' Ottubru 2006, u jidher illi l-ahhar kont relattiv ghal dan is-servizz inhareg fis-27 ta' Gunju 2010. Illi minn dan l-istess rendikont jirrizulta illi l-ahhar hlas li gie mwettaq akkont ta' dan is-servizz kien fl-14 ta' Mejju 2010, meta thallas l-ammont ta' mitt euro (€100). Illi dejjem in bazi ta' dan ir-rendikont, u in rigward dan il-kont, kien fadal bilanc dovut fl-ammont ta' hames mija, wiehed u tletin euro, tmienja u sittin centezmu (€531.68c).

Illi in rigward is-servizz, ossia l-kont l-iehor li wkoll gie pprovdut mis-socjeta' attrici, din id-darba bin-numru ta' referenza 40074703, il-ftehim relattiv gie ffirmat fid-19 ta' Settembru 2006, u filwaqt illi l-ewwel kont inhareg fid-9 ta' Ottubru 2006, mir-rendikont li gie pprezentat mis-socjeta' attrici, u li kopja tieghu tinsab esebita a fol.7 tal-atti, jidher illi l-ahhar pagament li giew mwettaq mill-konvenuta in rigward dan is-servizz sar fid-19 ta' Gunju 2008, u dan fl-ammont ta' disgha u hamsin euro, hdax-il centezmu (€59.11c). Illi l-bilanc dovut in rigward dan il-kont huwa fl-ammont ta' mitejn, tnejn u tletin euro, sitta u erbghin centezmu (€232.46c).

Illi b'referenza ghal dan il-kont, is-socjeta' attrici pprezentat kopja tat-*termination of service form* relattiv ghal dan l-akkont, liema dokument jinsab esebit a fol.8 tal-atti. Illi dan id-dokument huwa datat 2 ta' Gunju 2009.

Ikkunsidra,

Illi l-konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, minghajr ma indikat specifikament liema subinciz ta' dan l-Artikolu tal-Ligi japplika ghall-kaz in ezami. Illi l-Artikolu tal-Ligi in kwistjoni jipprovdi ghal terminu preskrittiv ta' hames-(5) snin. Illi l-insenjament tal-Qrati taghna konsistentement jipprovdi illi din it-tip ta' eccezzjoni ghandha tigi interpretata bl-aktar mod restrittiv possibbli; allura jehtieg illi jigi stabbilit jekk il-fatt illi gie indikat l-Artikolu tal-Ligi, minghajr ma gie indikat specifikament is-subinciz applikabbli, huwiex sufficjenti sabiex tali eccezzjoni tigi kkunsidrata, u possibilment akkolta.

Illi f'dan ir-rigward qed issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Gauci vs Saviour Farrugia** deciza fit-2 ta' Gunju 2005, fejn gie ritenut illi; "*Irid jinghad ukoll illi l-proposizzjoni generika ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip tal-preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata inammissibbli. ... Minn dan kollu jitnissel illi fl-assenza ta' indikazzjoni cara u specifika tal-preskrizzjoni, il-gudikant ma jistax jiehu inizzjattiva biex jissupplixxi hu ghan-nuqqas tal-parti.*"

Illi fil-kaz in ezami, minkejja dak hawn fuq riportat, it-Tribunal huwa tal-fehma illi huwa sufficjentement evidenti illi s-subinciz li ghalih qed isir referenza mill-konvenuta huwa dak bl-ittra "(f)", u dan anke tenut kont tas-sottomissjonijiet li saru mill-abbli difensuri tal-partijiet in rigward. Illi jidher li m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet illi l-perjodu preskrittiv applikabbli ghal tali

debitu huwa ta’ hames-(5) snin, u dan tenut kont illi tali debitu huwa rizultanti mill-iskritturi li gew iffirmati mill-partijiet, u li kopja taghhom jinsabu esebiti in atti.

Illi ghalhekk u tenut kont illi l-azzjoni odjerna giet proposta fit-18 ta’ Awissu 2014, jehtieg illi jigi determinat jekk il-kreditu spettanti lis-socjeta’ attrici huwiex preskritt, o meno. Illi b’referenza ghall-ittra ufficjali li giet pprezentata mis-socjeta’ attrici fil-konfront tal-konvenuta, datata 28 ta’ Jannar 2014, u li kopja taghha tinsab esebita a fol.12 tal-atti, jirrizulta illi din ma gietx notifikata lill-konvenuta. Illi ghalhekk ma jirrizultax illi kien hemm ebda interruzzjoni tal-preskrizzjoni permezz ta’ att gudizzjarju sakemm giet proposta din l-azzjoni.

Illi in rigward iz-zewg kontijiet illi l-konvenuta kellha mas-socjeta’ attrici, jidher illi dawn kienu separati u distinti minn xulxin, tant illi ghandhom numru ta’ referenza separat u differenti minn xulxin, u kienu jinhargu fatturi separati in rigward iz-zewg servizzi. Illi anke f’dak li jirrigwarda l-pagamenti li kienu qed jigu mwettqa mill-konvenuta, mill-istess rendikonti pprezentati mis-socjeta’ attrici jirrizulta illi l-konvenuta kienet qed twettaq pagamenti separati in rigward iz-zewg kontijiet separati. Illi dan huwa ta’ rilevanza ghal dak li jirrigwarda din l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta, ghaliex filwaqt illi l-ammont dovut in rigward is-servizz bin-numru ta’ referenza 40073282 ma hux preskritt – ghaliex l-ahhar pagament akkont sar fl-14 ta’ Mejju 2010, u ghalhekk qabel l-eghluq tal-hames-(5) snin meta giet proposta l-azzjoni – l-ahhar pagament relattiv ghas-servizz bin-numru tal-kont 40074703 sar fid-19 ta’ Gunju 2008. Illi b’applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Artikolu

2151 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, tali pagamenti akkont mwettqa mill-konvenuta lis-socjeta’ attrici ghas-servizz li kienet qed tipprovdi, huwa rikonoxximent ta’ dan l-istess debitu, u ghalhekk, iservu sabiex jinterrompu t-terminu preskrittiv sollevat mill-konvenuta.

Illi in rigward s-sottomissjoni li saret mis-socjeta’ attrici illi t-*termination of service form* datata 2 ta’ Gunju 2009 iffirmata mill-konvenuta tikkostitwixxi accettazzjoni da parti tal-konvenuta illi hi ser twettaq il-hlas ta’ kwalunkwe bilanc dovut lis-socjeta’ attrici, it-Tribunal huwa tal-fehma illi tali accettazzjoni ma tipprekludix id-dekors tat-terminu preskritti relattiv, li allura, u in rigward dan is-servizz specifiku, bin-numru tal-kont 40074703, it-terminu preskrittiv ta’ hames-(5) snin beda jiddekorri minn din id-data msemmija, u cioe’ t-2 ta’ Gunju 2009. Illi ghalhekk isegwi illi dan id-debitu specifiku, u cioe’ l-ammont ta’ mitejn, tnejn u tletin euro, sitta u erbghin centezmu (€232.46c), huwa fil-fatt preskritt.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta limitatament f’dak li jirrigwarda parti mill-kreditu spettanti lis-socjeta’ attrici, u cioe’ in rigward l-ammont ta’ mitejn, tnejn u tletin euro, sitta u erbghin centezmu (€232.46c), hlas dovut in rigward is-servizz bin-numru tal-kont 40074703, jordna l-proseguiment tas-smiegh tal-kawza in rigward il-bilanc, u cioe’ l-ammont ta’ hames mija, wiehed u tletin euro, tmienja u sittin centezmu (€531.68c) hlas dovut in rigward ghall-akkont bin-numru ta’ referenza 40073282.

Jirrizerva li jipprovdi dwar l-ispejjez fis-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------